MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 2/2001/1

**Il-Pulizija**

**v.**

**Giovanni sive John Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Giovanni sive John Grima talli:

**(1)** matul l-erba' snin qabel it-22 ta' Gunju, 1994, f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe` zewg vetturi tal-marka Land Rover li l-valur ta' kull wahda jiskorri l-elf liri (Lm1000), sew jekk dan ir-reat sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxijhom;
**(2)** fl-istess perjodu ta' zmien, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi

foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' somma flus li tiskorri l-elf lira (Lm1000) bi hsara ta' Paul Galea u Nazzareno Falzon;
**(3)** fl-istess perjodu ta' zmien, bi hsara ta' Paul Galea u Nazzareno Falzon, ghamel xi qligh iehor b'qerq fl-ammont ta' aktar minn elf lira (Lm1000);
**(4)** l-imsemmi Giovanni sive John Grima kien akkuzat ukoll, f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli f'xi data u/jew dati qabel it-3 ta' Mejju, 1993, importa f'Malta zewg Land Rovers zmuntati li ghandhom in-numru tar-registrazzjoni K-2128-M u E-4356-M, liema Land Rovers iddikjarahom lill-awtoritajiet tad-dwana bhala "spare parts" meta huwa xjentement kien jaf li b'dawn id-dikjarazzjonijiet, huwa kien qieghed xjentement jevadi li jhallas id-dazju proprju, peress li dazju fuq "spare parts" huwa ferm aktar orhos mid-dazju li suppost jithallas kieku dawn il-Land Rovers ma kienux zmuntati – valur tal-oggetti Lm10,200.00, Dazju Lm6,630.00 – liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 60(a)(b)(e)(h)(i)(k) u l-Artikolu 62(a)(b)(e)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37; barra minn dan, ai termini tal-proviso [**recte:** tat-tieni proviso] ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, terz tal-piena ta' flus jitqies bhala dejn civili u jigi hekk dikjarat mill-qorti fl-ghoti tas-sentenza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Dicembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Giovanni sive John Grima hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu (**i**) fir-rigward tar-reati ipotizzati fl-ewwel tlett imputazzjonijiet **sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali**, u (**ii**) fir-rigward tar-reati kontra l-Ordinanza tad-Dwana **ordnat il-konfiska taz-zewg Land Rovers indentifikati bin-numru K-2128-M u E-4356-M kif ukoll ikkundannat lill-istess Grima ihallas multa ta' sebgha w ghoxrin elf u tletin lira (Lm27,030) li terz minnhom (u cioe` disat elef u ghaxar liri (Lm9,010) ghandhom jigu meqjusa bhala dejn civili dovut immedjatament lill-Gvern ta' Malta**;

Rat ir-rikors ta' appell ta' John Grima, minnu ppresentat fis-27 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**1.** Din il-kawza bdiet f'Gunju ta' l-1994, u precizament fit 22 ta' dak ix-xahar meta l-appellant tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Il-fatti, brevement, huma s-segwenti: f'xi zmien qabel it-22 ta' Gunju, 1994 Grima dahhal f'Malta <u>f'diversi kunsinni</u> (jigifieri f'aktar minn darba) bicciet ta' zewg Land Rovers. Permezz tal-bicciet kollha li huwa dahhal, huwa seta' jarma dawn iz-zewg Land Rovers kompluti tista' tghid minn kollox. Kif stqarr huwa stess lill-Pulizija, huwa ma dahhalx il-Land Rovers shah izda dahhalhom zmuntati u dikjarati bhala "spare parts" biex jiffranka d-dazju fuqhom – bhala Land Rovers shah u mmuntati id-dazju kien jigi ferm aktar milli jekk dawn jiddahhlu f'diversi konsenji bhala "spare parts". Dawn il-vetturi kellhom in-numru tax-*chassis* taghhom imhassar. Eventwalment huwa biegh dawn l-i*spare parts* – ossia *spare parts* li kienu jammontaw ghal vettura wahda shiha u *spare parts* li kienu jammontaw ghal vettura shiha ohra – lil Nazzareno Falzon u lil Paul Galea. Grima kien ukoll ghin kemm lil Falzon kif ukoll lil Galea sabiex jirregistraw il-vetturi rispettivi mal-Pulizija bhala "for private use" flok "for commercial use" billi ssuggerilhom li jaghmlu numru "gdid" – u ghalhekk falz – fuq ix-*chassis* kif ukoll li jippresentaw lill-Pulizija ritratti ta' l-istess vetturi b'"number plates" ta' vetturi ohra (ara d-deposizzjoni ta' Falzon, fol. 45 u 56, u dik ta' Galea a fol. 213 u 214 tal-process). Kemm Falzon kif ukoll Galea ddikjaraw li huma jahdmu ta' *mechanics*. Ghandu jigi precizat li l-appellant Grima ma giex akkuzat b'xi reati ta' falsifikazzjoni; u r-reati ipotizzati fit-tieni u fit-tielet imputazzjonijiet, cioe` dawk ta' truffa u ta' frodi innominata, huma mhux fil-konfront tad-Dipartiment tal-Pulizija jew xi dipartiment pubbliku iehor, <u>izda fil-konfront ta' l-imsemmija Galea u Falzon</u>.

**2.** L-appellant ghandu tlett aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li ma saritx il-prova li l-oggetti in kwistjoni kienu misruqa, b'mod ghalhekk li ma jistax jinghad li kien hemm ir-reat ta' ricettazzjoni skond l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali. Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-attijiet tal-kawza (inkluza n-nota ta' l-appellat Avukat Generali tas-27 ta' April, 2001), din il-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellant ghandu ragun fuq dan l-aggravju. L-element materjali tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu dak l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi (u tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe` mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricettazzjoni).

**3.** Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-disposiszzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):

**Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato *presuppone* l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato**

**accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.**[1]

Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel imputazzjoni – iz-zewg Land Rovers – kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant. Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li Grima kien konsapevoli tal-provenjenza llecita taz-zewg vetturi. Pero` wiehed ma jridx ihallat, kif donnha jidher li ghamlet l-ewwel qorti, l-element materjali ma' l-element formali. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant kien konsapevoli (fis-sens li haseb jew kien jemmen) li l-vetturi kienu "tainted" (per ezempju, minhabba l-prezz baxx li bihom xtrahom), dan ma jezonerax lill-prosekuzzjoni milli tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu effettivament ta' provenjenza illecita kif fuq imfisser.

**4.** Fil-kaz in ezami, il-prosekuzzjoni qed tallega li dawn il-vetturi kienu nsterqu fl-Ingilterra, wahda fit-23 ta' Novembru, 1989 u l-ohra fid-19 ta' Novembru, 1990 (ara d-deposizzjoni ta' l-Ispettur Emanuel Cassar, fol. 25 u 26); ghalhekk kellha ssir il-prova tas-serq bhalma ssir fir-rigward ta' kull oggett allegatament misruq, u cioe` billi l-oggett jigi identifikat bhala li kien fil-pussess ta' xi persuna partikolari, u li f'xi zmien ittiehed mill-pussess taghha kontra l-volonta` taghha u a skop ta' lukru. Tali prova, naturalment, ma ssirx bis-semplici dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li *"Wasalna ghal din l-informazzjoni* [li l-vetturi kienu misruqa fl-Ingilterra f'dati partikolari] *wara diversi kuntatti li kellna mal-pulizija Ingliza nkluza l-Interpol"* (fol.

[1] Antolisei, F., **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I**, Giuffre` (Milano), 1986, pp. 358, 359.

26); jew bid-dikjarazzjoni generika (ukoll a fol. 26) *"Minn aktar investigazzjoni li saret fuq dawn iz-zewg Land Rovers partikolari rrizultalna illi l-parts kollha ta' kull Land Rover kienu jappartjenu lil dik il-Land Rover partikolari u kellhom dawk il-parts meta dawn il-karozzi gew misruqa mill-Ingilterra".* Il-Qorti tistaqsi: min ghamilhom dawn l-"investigazzjonijiet ulterjuri"? U kif u b'liema mod gie stabbilit li l-partijiet kollha kienu jikkorrispondu mal-partijiet kollha tal-vetturi li nsterqu fl-Ingilterra? Anqas ma ssir tali prova billi tigi ezibita kopja ta' korrispondenza bejn il-pulizija f'Malta u l-pulizija barra minn Malta – ara d-dokumenti a fol. 168 sa 172, u 198 sa 204. Dawn id-dokumenti anqas biss huma prova tal-kontenut taghhom. Biex wiehed ikun qal kollox u jkun gust ma kulhadd, ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni – pulizija u Avukat Generali – f'dan il-kaz ippruvaw jaghmlu l-prova mehtiega permezz ta' ittri rogatorjali, fejn talbu d-deposizzjoni ta' certu Helvin Hudson u Colin Perks (ara fol. 76 sa 79); pero`, ghal diversi ragunijiet li din il-Qorti m'ghadhiex ghalfejn tidhol fihom, dawn l-ittri rogatorjali baqghu ma gewx ezegwiti. Biex tikkonkludi fuq dan l-aggravju, din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li ma giex pruvat skond il-ligi li z-zewg vetturi in kwistjoni kienu ta' provenjenza illecita kif mehtieg skond l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali.

**5.** It-tieni aggravju hu fis-sens li l-appellant ma kkommetta ebda frodi – truffa jew frodi innominata – fil-konfront ta' Falzon u Galea. Dana l-aggravju jirrigwarda t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. L-ewwel qorti jidher li waslet ghall-konkluzzjoni taghha li dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati ghax irriteniet mhux biss li l-appellant (allura imputat) kien konsapevoli tal-provenjenza llecita tal-vetturi izda ghax, bhala fatt, dawn il-vetturi <u>kienu verament misruqa</u> b'mod ghalhekk li hu kien qieghed ibiegh oggetti misruqa lil min minghalih kien qed jixtri oggetti mhux misruqa. Pero`, kif diga gie osservat, il-prova li dawn il-vetturi kienu misruqa, baqghet ma saritx skond il-ligi. Apparti li Falzon u Galea jidher li kienu jifhmu fil-karozzi – ma kienux xi principjanti fejn jidhol ix-xiri u l-immuntar ta' vetturi – ma hemm xejn la fid-deposizzjonijiet ta' dawn it-tnejn u anqas fit-tlett stqarrijiet tal-appellant li b'xi mod jindika li l-flus li dawn hallsu lil Grima kienu r-

rizultat ta' xi "ingann" li dan wettaq fil-konfront taghhom. Meta Falzon xtara x-*chassis* bil-magna u d-*differential* (il-*body* gabulu l-appellant xi xaharejn wara), huwa kien jaf li fuq ix-*chassis* ma kienx hemm numru: *"Meta jiena xtrajt ix-chassis minghand l-imputat, dan ma kellux numru, ghalhekk jien ukoll ippancjajt in-numru tac-chassis tal-Land Rover l-antika li kelli fuq dan ic-chassis l-gdid li xtrajt minghand l-imputat"* (fol. 45 u 46). Mid-deposizzjoni ta' Paul Galea (fol. 212 sa 215) jirrizulta li meta huwa intebah li fuq ix-*chassis* ma kienx hemm numru (u allura l-appellant qallu biex jaghmel numru iehor) hu kien ghadu ma hallasx lill-appellant. Fi kliem iehor Galea seta, kieku ried, radd kollox lura lill-appellant u ma hallsu xejn. Il-fatt li Galea, fid-deposizzjoni tieghu, jghid li huwa staqsa lill-appellant jekk jigix fl-inkwiet jekk hu (Galea) jaghmel numru iehor fuq ix-*chassis* kif issuggerielu l-istess appellant u l-appellant qallu *"…li ma kien hemm problemi ta' xejn"* hi skuza mill-aktar fjakka da parti ta dan Galea – trid tkun tghix fil-qamar jew fuq il-pjaneta Zog biex ma tkunx taf li tali operazzjoni tammonta ghal forma ta' falsifikazzjoni intiza biex tinganna lill-awtoritajiet tal-pulizja fir-rigward tal-licenzjar tal-vettura!! Fi kliem iehor, Falzon u Galea xtraw l-i*spare parts*, immuntaw il-vetturi, biddlu n-numri u hadu ritratti tal-vetturi bi pjanci ta' vetturi ohra <u>b'ghajnejhom kompletament miftuha</u>. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li dawn it-tnejn gew b'xi mod ingannati minn Grima. Ghalhekk dana t-tieni aggravju qed jigi wkoll milqugh.

**6.** L-ahhar aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li ma kien hemm ebda ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana fil-fatt li huwa dahhal il-vetturi zmuntati f'diversi kunsinni li huwa ddikjara bhala "spare parts", galadarba fuq dawk il-kunsinni huwa kien hallas id-dazju regolarment. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tosserva qabel xejn li r-raba' imputazzjoni hi cara fil-portata taghha: l-appellant, bhala imputat, kien akkuzat mhux li ma hallasx dazju jew li importa oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata bi ksur ta' dik il-projbizzjoni jew limitazzjoni, izda li effettivament ghamel dikjarazzjoni falza meta ddikjara dak li kien qed jimporta bhala "spare parts" minflok bhala "Land Rover" biex jevita li jhallas id-dazju proprju fuq kull vettura.

**7.** Mill-paragrafi ta' l-Artikolu 62 tal-Kap. 37 ikkwotati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu a fol. 218, jigifieri il-paragrafi (a), (e), (f), (g), (h), (i) u (k)[2], l-uniku paragrafu li jista' jkun relevanti huwa l-paragrafu (i) li jipprovdi testwalment hekk:

**"…xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam, filli bil-qerq jinharab jew jigi ittentat li jinharab xi dazju tad-dwana, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-dwana, dwar l-importazzjoni, il-hatt, it-trasbord, l-izbarkar u l-kunsinna ta' oggetti, jew xi disposizzjoni ohra ta' din l-Ordinanza…**

Il-kliem operattiv huwa "…bil-qerq jinharab jew jigi ittentat li jinharab…". Issa, jirrizulta pruvat mill-istqarrijiet ta' l-appellant li huwa dahhal iz-zewg Land Rovers f'diversi kunsinni proprju biex ihallas anqas dazju milli kieku dahhal iz-zewg vetturi ga mmuntati:

**D. Tista' tghidilna kif fil-fatt dahhalt dawn iz-zewg vetturi hawn Malta?**
**R. Dahhalthom spare parts. Pero` l-parts ma dahhltomx f'konsenja wahda ghaliex jekk tad-Dwana jaraw li bl-ispare parts tkun tista' tghaqqad karozza bihom ikollok thallas dazju fuqhom daqs li kieku dahhalt karozza shiha.**
**D. F'kemm-il darba dahhalthom dawn l-ispare parts?**
**R. F'xi hames darbiet jew sitta.** (ara stqarrija ta' l-1 ta' Gunju, 1993, fol. 32 u 33 ta' l-atti).

**8.** Fil-fehma tal-Qorti, galadarba l-appellant kien jaf li fir-realta` kien qed idahhal zewg vetturi shah (jew kwazi shah, ghax seta kien hemm xi affarijiet zghar neqsin), huwa kien qieghed bil-qerq jahrab li jhallas id-dazju dovut fuqhom meta l-istess vetturi spezzetahom f'hames jew sitt kunsinni u ddikjara kull kunsinna bhala "spare parts".

[2] Fil-*letter to prosecute* tal-Kontrollur tad-Dwana, fol. 41 tal-atti, hemm indikati wkoll il-paragrafi (b) u (m); fl-imputazzjonijiet kif mahlufa u ffirmati mill-ufficjali prosekuturi fit-22 ta' Gunju, 1994, fol. 1 u 2 ta' l-atti, il-paragrafu (m) thalla barra; u fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali thalla barra wkoll il-paragrafu (b).

Ghalhekk jikkonfigura r-reat kontemplat fil-paragrafu (i) ta' l-Artikolu 62 tal-Kap. 37.

**9.** Pero` hawnhekk tidhol il-kwistjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 76 tal-Kap. 37 (s'intendi kif dan l-artikolu kien meta nbdew il-proceduri fl-1994, u mhux kif inhu llum wara l-emendi introdotti bl-Att XII ta' l-2001). Kif inhu risaput, fil-kamp penali l-preskrizzjoni hi sollevabbli *ex officio*, u l-imputat jew akkuzat anqas jista' jirrinunzja ghaliha (Art. 694, Kap. 9). Issa, fir-rigward tar-reat kontemplat fl-Artikolu 62(i) tal-Kap. 37, il-procedimenti kellhom jinbdew "fi zmien sentejn mid-data tal-kommissjoni tar-reat" (Art. 76(2)(c) kif kien qabel l-emenda msemmija); u d-data tal-kummissjoni tar-reat ghandha titqies bhala li kienet id-data meta dahhal u ddikjara l-ahhar kunsinna bhala "spare parts" (minhabba li hawn si tratta ta' reat kontinwat). Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni li tfisser diversi drabi, il-prova tad-data ta' l-importazzjoni (sabiex jigi determinat jekk l-azzjoni penali ittehdietx entro z-zmien stabbilit fl-imsemmi Artikolu 76) trid tingieb mill-prosekuzzjoni (ara, *inter alia*, ***Il-Pulizija v. Philip Delceppo***, App. Krim. 29/1/2001). F'dan il-kaz tali prova ma ingabietx. L-uniku hjiel ta' data li hemm jinsab fl-istqarrija ta' l-appellant ta' l-1 ta' Gunju, 1993, fejn dan jghid li l-Land Rover bieghha lil Falzon "…xi tlett snin ilu", u ghalhekk tlett snin qabel l-1 ta' Gunju, 1993; cirkostanza, din, li tpoggi l-importazzjoni aktar minn sentejn qabel it-22 ta' Gunju, 1994. Ghalhekk fir-rigward tar-raba' imputazzjoni tosta l-preskrizzjoni skond l-imsemmi Artikolu 76.

**10.** Ghall-motivi kollha premessi, tilqa' l-appell, thassar u rirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**11.** Il-Qorti, pero`, qed taghmilha cara li mhix ser tordna r-rilaxx taz-zewg Land Rovers, formalment ezibiti taht l-awtorita` taghha mix-xhud Lewis Micallef (fol. 37 u 38 tal-atti), qabel ma jigi determinat quddiem il-Qorti kompetenti min ghandu dritt ghal dawn il-vetturi, u dan qed jinghad bla pregudizzju ghal dak kollu li jipprovdu s-subartikoli (4) u (5) ta' l-Artikolu 675 tal-Kodici Kriminali.

Aldo Testone
Asst. Registratur